

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

16.3.2006

B6-0203/2006

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

wara Mistoqsija Orali B6-0005/2006

skond l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura

minn

Klaus-Heiner Lehne u Giuseppe Gargani, f'isem il-grupp PPE-DE

Maria Berger, f'isem il-Grupp PSE

Diana Wallis, f'isem il-Grupp ALDE

Monica Frassoni, f'isem il-Grupp Verts/ALE

Brian Crowley, f'isem il-Grupp UE

dwar il-professjonijiet Legali u l-interess ġenerali fit-tħaddim tas-sistemi legali

B6-0203/2006

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-professjonijiet Legali u l-interess ġenerali fit-tħaddim tas-sistemi legali

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Prinċipji Bażiċi tan-NU dwar l-Irwol ta' l-Avukati, tas-7 ta' Settembru 1990;
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa Rik(2000)21 dwar il-libertà li wieħed iħaddem il-professjoni ta' avukat, tal-25 ta' Ottubru 2000;
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 1994 dwar il-professjoni ta' nutar fil-Komunità;
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' April 2001 dwar ħlasijiet fuq skala u dwar tariffi obbligatorji għal ċerti professjonijiet liberali, b'mod partikulari għall-avukati, u dwar l-irwol u l-pożizzjoni partikulari tal-professjonijiet liberali fis-soċjetà moderna;
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2003 dwar ir-regolamenti tas-sug u dwar ir-regoli tal-kompetizzjoni għall-professjonijiet liberali;
- wara li kkunsidra d-Direttivi 1977/249/KEE, 98/5/KE u 2005/36/KE;
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi fis-sug intern, tas-16 ta' Frar 2006;
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Servizzi Professionali - opportunità għal aktar riforma', tal-5 ta' Settembru 2005
- wara li kkunsidra l-Artikolu 42(5) tar-Regoli ta' Proċedura;

A. billi l-Qorti tal-Ġustizzja u l-Komunitajiet Ewropej għarfu li:

- l-indipendenza, in-nuqqas ta' kunflitti ta' interess, u s-segretezza/kunfidenzjalità professjonali huma valuri fundamentali tal-professjoni legali li jikkwalifikaw bħala kunsiderazzjonijiet ta' interess pubbliku;
- ir-regolamenti biex jitħarsu l-valuri fundamentali huma meħtieġa għall-prattika kif xieraq tal-professjoni legali minkejja l-effetti restrittivi li jistgħu jkollhom għall-kompetizzjoni;

B. billi kwalunkwe riforma tal-professjonijiet legali għandha konsegwenzi mifruxa ħafna li jmorru lil hinn mil-liġi tal-kompetizzjoni u jidħlu fil-qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-

ġustizzja, u b'mod aktar ġenerali fil-ħarsien ta' l-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea;

C. Billi l-Prinċipji Bażiċi tan-NU dwar l-Irwol ta' l-Avukati, tas-7 ta' Settembru 1990, jistabbilixxi li:

- l-avukati għandu jkollhom il-jedd li jiffurmaw u jissieħbu f'assoċjazzjonijiet professjonali awtonomi biex jirrapreżentaw l-interessi tagħhom, jippromwovu t-tkomplija ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ tagħhom u jħarsu l-integrità professjonali tagħhom. L-organu eżekuttiv ta' l-assoċjazzjonijiet professjonali għandu jiġi elett mill-membri tiegħu u għandu jħaddem il-funzjonijiet tiegħu mingħajr indħil minn barra,

- l-assoċjazzjonijiet professjonali ta' l-avukati għandhom irwol vitali għaż-żamma ta' l-istandards u l-etika professjonali, għall-ħarsien tal-membri tagħhom mill-persekuzzjoni u minn restrizzjonijiet u vjolazzjonijiet, għall-forniment ta' servizzi legali għal dawk kollha li jkun jeħtiġuhom, u għall-koperazzjoni ma' istituzzjonijiet governattivi u oħrajn biex imexxu 'l quddiem l-interessi tal-ġustizzja u ta' l-interess pubbliku,

- Proċeduri ta' dixxiplina kontra avukati għandhom jittieħdu quddiem kumitat imparzjali ta' dixxiplina li jkun maħluq mill-professjoni legali, quddiem awtorità statutorja indipendenti, jew quddiem qorti, u għandhom ikunu soġġetti għal reviżjoni ġudizzjarja indipendenti;

D. billi l-ħarsien adegwat tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali li għalihom huwa intitolat kulħadd, kemm jekk huma ekonomiċi, soċjali u kulturali, kif ukoll jekk huma ċivili u politiċi, jitlob li kull persuna jkollha aċċess effikaċi għas-servizzi legali pprovduti minn professjoni legali indipendenti;

E. billi l-importanza tal-kondotta etika, taż-żamma tal-kunfidenzjalità mal-klijenti u ta' grad għoli ta' taġrif speċjalizzat, taġmel neċessarju l-organizzazzjoni ta' sistemi awtonomi bħal dawk li jħaddmu attwalment il-korpi jew l-awtoritajiet professjonali legali;

F. billi n-nutara tal-liġi ċivili jinħatru mill-Istati Membri bħala uffiċjali pubbliċi li xogħolhom jinkludi t-tnejjija ta' dokumenti uffiċjali b'valur speċjali bħala prova legali u b'infurzar immedjat;

G. billi n-nutara tal-liġi ċivili jieħdu fuqhom xogħol estensiv ta' investigazzjoni u ta' skrutinju f'isem l-Istat f'materji relatati mal-ħarsien legali mhux ġudizzjarju, partikolarment b'rabta mal-liġi tal-kumpaniji - f'xi każi skond il-liġi Komunitarja - bħala parti minn dan ix-xogħol huma soġġetti għal sorveljanza dixxiplinarja min-naħa ta' l-Istat Membru rilevanti li titqabbel ma' dik li tapplika fil-każ ta' l-imħallfin u tal-ħaddiema taċ-ċivil;

H. billi d-delegazzjoni parzjali ta' l-awtorità ta' l-Istat hija element primarju magħġun fit-tħaddim tal-professjoni ta' nutar tal-liġi ċivili, fil-fatt tiġi mħaddma b'mod regolari u tirrapreżenta parti kbira mix-xogħol ta' nutar tal-liġi ċivili.

1. Jirrikonoxxi bis-sħiħ l-irwol kruċjali li għandhom il-professjonisti legali f'soċjetà demokratika sabiex jiggwarantixxu r-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt u s-sigurtà fl-applikazzjoni tal-liġi, meta l-avukati jirrappreżentaw u jiddefendu lill-klijenti kemm fil-qorti kif ukoll meta jkunu qed jaġġu parir legali lill-klijenti tagħhom;
2. Jerġa' jafferma l-pożizzjonijiet meħuda fir-risoluzzjonijiet tiegħu tat-18 ta' Jannar 1994, tal-5 ta' April 2001 u tas-16 ta' Diċembru 2003
3. Jinnota l-kwalifiki għoljin meħtieġa għall-aċċess għall-professjonijiet legali, għall-bżonn li jkunu mħarsa dawn il-kwalifiki li jikkarakterizzaw il-professjonijiet legali fl-interess taċ-ċittadini Ewropej u l-bżonn li tkun stabbilita relazzjoni speċifika bbażata fuq il-fiduċja bejn il-professjonisti u l-klijenti tagħhom;
4. Jerġa' jafferma l-importanza ta' regolamenti li huma bżonjużi, biex jiżguraw l-indipendenza, il-kompetenza, l-integrità u r-responsabilità tal-membri ta' professjonijiet legali sabiex jiggwarantixxu l-kwalità tas-servizzi tagħhom, għall-benefiċċju tal-klijenti tagħhom u tas-soċjetà b'mod ġenerali u sabiex ikun imħares l-interess pubbliku;
5. Jilqa' l-għarfien tal-Kummissjoni li l-aħjar mod biex isiru r-riformi huwa fuq livell nazzjonali u li l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri, l-aktar il-korpi leġiżlattivi, huma fl-aqwa pożizzjoni biex jiddefinixxu r-regoli li japplikaw għall-professjoni legali;
6. Ifakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxit marġni ta' diskrezzjoni, kemm tal-leġiżlatur nazzjonali, kif ukoll ta' l-assoċjazzjonijiet u tal-korpi professjonali meta jkunu qed jiddeċiedu x'inhu xieraq u x'inhu meħtieġ biex tkun imħarsa l-prattika xierqa tal-professjoni legali fi Stat Membru;
7. Jinnota li kull tip ta' attività ta' korp professjonali għandha titqies separatament, sabiex ir-regoli tal-kompetizzjoni jiġu applikati lill-assoċjazzjoni meta tkun qed taġixxi esklussivament fl-interessi tal-membri tagħha biss, u mhux meta tkun qed taġixxi fl-interess ġenerali;
8. Tfakkar lill-Kummissjoni li l-għan tar-regolament għas-servizzi legali huwa l-ħarsien tal-pubbliku ġenerali, il-garanzija tad-dritt ta' difiża u ta' l-aċċess għall-ġustizzja, u sigurtà fl-applikazzjoni tal-liġi u li minħabba raġunijiet bħal dawn ma jistax jitfassal fuq il-grad ta' sofistikkazzjoni tal-klijent;
9. Ihegġegħ lil korpi professjonali, lil organizzazzjoniet u lil assoċjazzjonijiet ta' professjoni legali biex iwaqqfu kodiċi ta' mgħiba fuq livell Ewropew inklużi regoli relatati ma' organizzazzjoni, kwalifikazzjoni, etika professjonali, superviżjoni, responsabilità u komunikazzjonijiet kummerċjali sabiex ikun żgurat li l-konsumaturi aħħarin ta' servizzi legali u l-amministrazzjoni soda tal-ġustizzja jiġu provduti bil-garanziji neċessarji għall-integrità u l-esperjenza;
10. Jistieden lill-Kummissjoni biex tapplika r-regoli tal-kompetizzjoni, jekk ikun applikabbli, skond il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja;
11. Jikkunsidra li l-interessi pubbliċi, li huma aktar importanti mill-prinċipji tal-kompetizzjoni ta' l-UE, jinstabu fis-sistema legali ta' l-Istat Membru fejn ir-regolament ġie adottat jew fejn ir-regolament daħal fis-seħħ, u li m'hemm l-ebda test ta' interess pubbliku ta' l-UE, ikun kif

ikun definit;

12. Jistieden lill-Kummissjoni biex ma tapplikax il-liġi tal-Kompetizzjoni ta' l-UE għal kwistjonijiet li, skond il-qafas kostituzzjonali ta' l-UE, jibqgħu f'idejn il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri, bħalma hu l-aċċess għall-ġustizzja, li jinkludi kwistjonijiet bħal skedi ta' miżata li għandhom jiġu applikati mill-qrati sabiex jiġu likwidati miżati ta' l-avukati;

13. Jenfasizza li xkiel diġà eżistenti għall-libertà ta' l-istabbiliment u għall-libertà ta' l-għoti ta' servizzi ta' professjonisti legali tneħħa b'mod effiċjenti mid-Direttivi 1977/249/KEE, 98/5/KE u 2005/36/KE;

14. Jikkunsidra li l-Artikolu 49 tat-Trattat tal-KE, id-Direttiva 2005/36/KE u d-Direttiva 77/249/KE jippermettu l-applikazzjoni tal-prinċipju li l-pajjiż destinatariju jiffissa l-iskala ta' ħlasijiet u t-tariffi obbligatorji għal avukati u professjonijiet legali oħrajn;

15. Jikkunsidra li l-Artikolu 45 tat-Trattat tal-KE għandu jkun applikat bis-sħiħ għall-professjoni ta' nutar tal-liġi ċivili b'dan il-mod;

16. Jistieden lill-Kummissjoni biex waqt l-analiżi tar-regoli dwar l-eżerċizzju ta' professjonijiet legali fl-Istati Membri, tikkunsidra b'attenzjoni l-prinċipji u l-interessi ewlenin imfissra f'din ir-risoluzzjoni;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kummissjoni.